31981D0608

12.8.1981 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 227/21

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-13 ta' Lulju 1981
li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Koperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal

(81/608/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1]

Billi l-koperazzjoni u l-konsultazzjoni internazzjonali huma indispensabbli għall-konservazzjoni u l-użu ottimali tar-riżorsi tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal fl-ibħra 'il barra miż-żoni taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati tal-kosta;

Billi, għal dan l-iskop u bil-ħsieb li tiġi mibdula l-Konvenzjoni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal ta' l-24 ta' Jannar 1959, ġiet innegozjata konvenzjoni multilaterali ġdida dwar is-sajd fl-Atlantiku tal-Grigal; billi l-Komunità ħadet parti f'dawn in-negozjati;

Billi, wara n-negozjati, il-Gvern tar-Renju Unit, bħala d-depożitarju, fetaħ il-Konvenzjoni l-ġdida għall-firem mit-18 ta' Novembru 1980 sat-28 ta' Frar 1981;

Billi s-sajjieda tal-Komunità jaħdmu f'partrijiet taż-żona tal-Konvenzjoni lil hemm miż-żoni taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati kostali, u billi, għalhekk, huwa fl-interess tal-Komunità li tingħaqad fil-Koperazzjoni internazzjonali dwar il-konservazzjoni u l-użu tar-riżorsi involuti fil-kwistjoni billi tissieħeb fil-Konvenzjoni l-ġdida,

IDDEĊIDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Konvenzjoni dwar il-Koperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal hija hawnhekk approvata f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea.

It-test ta' din il-Konvenzjoni huwa mehmuż ma' din il-Konvenzjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jiddepożita l-istrument ta' l-approvazzjoni għand il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Britannja u l-Irlanda ta' Fuq, b'mod konformi ma' l-Artikolu 20 tal-Konvenzjoni [2]

Magħmula fi Brussel, fit-13 ta' Lulju 1981.

Għall-Kunsill

Il-President

Lord CARRINGTON

[1] ĠU Nru C 90, tal-21.4.1981, p. 113.

[2] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni, rigward il-Komunità, għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.